# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 3

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stefan Cordina, tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, tas-Sur Stephen Sultana, tas-Sur Conrad Borg Manché, tas-Sur Maximillian Zammit u tas-Sur Keith Tanti u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 2 li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru 2017, kienu meħuda bħala moqrija.

3.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

## 3.3 Komunikazzjoni mill-President

3.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda kommunikazzjoni.

## 3.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

3.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

3.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 3.5 Rapporti

3.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien l-ebda rapport x'jiġi ndirizzat f'din il-laqgħa.

## 3.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Is-Sistema tas-Sigurtà għad-depożitu tal-flus***

3.6.1 Il-President informa lill-membri li għalkemm fl-aħħar laqgħa kienu ġew imressqa tliet kwotazzjonijiet, bi żvista kien hemm *e-mail* mingħand is-Security Services li ma tresqitx waqt il-laqgħa.

3.6.2 Il-membri qablu li jekk l-kwotazzjoni kienet intbagħtet lir-Reġjun qabel il-laqgħa, il-kumitat kellu jikkunsidra din il-kwotazzjoni, però, peress li l-email intbagħtet wara d-data tal-laqgħa il-membri unanimament qablu li s-servizz għandu jingħata lill-irħas offerta li kienet ġiet

imressqa fil-laqgħa preċedenti.

- *Uniformi tal-ħaddiema klerikali*

3.6.3 Il-President informa lill-membri preżenti li għalkemm fl-aħħar laqgħa kien hemm deċizjoni fuq il-ħanut minn fejn għandhom jinxtraw l-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali, kien hemm xi problema b'ċertu qisien u għal din ir-raġuni l-ħaddiema ser jippruvaw jaraw jekk jistax ikollhom servizz aħjar minn ħanut ieħor.

3.6.4 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

3.6.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar talba mressqa mingħand dan il-Kunsill sabiex japprova x-xogħolijiet rigward tiswija ta' dwal fiċ-Ċentru Rekreattiv fi Triq Giovanni Barbara li jammonta għal €1,950.75 kif ukoll għal xogħolijiet ta' tabelli u sinjali madwar ir-raħal għall-ammont ta' €1,738.10 sabiex dawn jitħallsu mill-fondi tar-Reġjun.

3.6.6 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Laqgħa tas-Sindki f'Għawdex*

3.6.7 Il-President informa lill-membri preżenti kif waqt din il-laqgħa li kienet saret fil-15 u 16 ta' Diċembru 2018, ġie ppreżentat rapport mill-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Mario Fava, u għal din ir-raġuni qed jiġi messaq f'din il-laqgħa.

3.6.8 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti fuq dan ir-rapport, il-President issuġġerixxa li kull Kunsill Lokali għandu jaqra sew dan ir-rapport u jiddiskutieh fil-laqgħa tal-Kunsill biex b'hekk kull Kunsill Lokali ikun jista' jgħati r-reazzjoni uffiċċjali tiegħu.

- *Laqgħa dwar is-sistema ta' l-EPPS (tenders)*

3.6.9 Il-President informa lill-membri kif matul dan ix-xahar is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal żewġ seminars organizzati mid-DLG sabiex jgħaddu linji gwida fuq ir-regolamenti ġodda dwar din is-sistema. Għalkemm ħafna mill-punti ġew imressqa waqt il-laqgħa tas-Sindki mingħand id-Direttur, is-Sur Adrian Mifsud, huwa spjega dwar tibdil dwar l-kumitat ta' l-evalwaturi. Dan il-kumitat għandu jkun komponut mic-Chairperson (li m'ghandux dritt għal vot), evalwatur kwalifikat fl-*accounts*, evalwatur kwalifikat fil-professjoni legali; evalwatur li jkun jifhem fl-aspett tekniku tal-kuntratt, u s-Segretarju Eżekuttiv (li m'ghandux dritt għal vot).

- *Aġġornament fuq il-ġbir tal-multi pendenti tal-Kunsill Lokali tal-Gżira*

3.6.10 Il-President informa lill-membri kif f'perjodu ta' ġimgħatejn s-somma miġbura kienet ta' €3,009.94. L-ispiża ta' l-avukat (inkluża f'din l-iskeda) hija dik ta'€3,546.71. Rendikont dwar dan jerġa jingħata fil-laqgħa li ġejja.

- *Il-Kuntratti tal-kera ta' l-Uffiċċini*

3.6.11 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li sid l-uffiċċju amministrattiv, is-Sur David Soler, kien ġie preżentat bil-proposti mressqa minn dan ir-Reġjun. Madankollu huwa jixtieq li l-kundizzjonijiet jibqgħu l-istess bħal qabel u l-kirja ta' l-għamara ser tibda tkun inkluża fit-total globali u mhux maqsuma.

3.6.12 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid kif is-Sur Soler għandu l-ħsieb li japplika għall-panelli tax-xemx biex jitpoġġew fuq il-bejt. Is-Sur Soler issuġġerixxa li l-kont tal-konsum tad-dawl u ilma jiġu mnaqqsa mill-ispejjez tar-Reġjun u jekk ikun hemm xi profit dan ikun dovut lilu bħala sid il-post.

3.6.13 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar din il-proposta diment li l-ispejjeż relatati ma' din in-nefqa tkun kollha f'idejk is-Sur Soler u r-Reġjun ma jkun obbligat li jħallas xejn.

- *Ċekk Pendenti*

3.6.14 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri dwar ċekk li jammonta għal €4,887.50 li għadu qed jinżamm milli jingħata wara qbil waqt laqgħa tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni dan qieghed jidher bħala 'unpresented cheques' u hemm bżonn li titieħed deċizjoni.

3.6.15 Il-membri preżenti qablu li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għandha ġġib parir legali dwar dan qabel ma' l-Kumitat ikun jista' jipproċedi.

## 3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.7.1 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, staqsa dwar il-pagamenti ta' Dott. Richard Sladden u Dott. Sandra Sladden peress li kien hemm deskrepanza kbira fl-ammonti.

3.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, spjegat kif il-pagamenti ivarjaw skond kemm ikun hemm seduti matul ix-xahar. F'Diċembru jkun hemm ftit seduti fil-bidu tax-xahar qabel ma jibdew il-festi tal-Milied u għal din ir-raġuni l-ispiża tkun baxxa fejn xhur oħra.

3.7.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mill-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, resqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 3A u 3B.

3.7.4 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 3.8 Mozzjonijiet

3.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 3.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

3.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |